REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (UE) Nru 1142/2010

tas-7 ta' Diċembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(c), l-Artikoli 11 u 12 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 dwar regoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, tal-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-bluetongue [2], jistabbilixxi regoli dwar il-movimenti ta' dawn l-annimali, f'dak li għandu x'jaqsam mal-bluetongue, fiż-żoni ristretti u 'l barra minnhom.

(2) L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stipulata fid-Direttiva 2000/75/KE. L-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament jistipula li l-movimenti tal-annimali, is-semen, l-ova u l-embrijuni minn stabbiliment jew ċentru tal-ġbir jew il-ħżin tas-semen li jinsab f'żona ristretta lejn stabbiliment jew ċentru tal-ġbir jew il-ħżin tas-semen ieħor, għandhom jiġu eżentati minn dik il-projbizzjoni fuq il-ħruġ jekk ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III ta' dak ir-Regolament jew ma' kwalunkwe garanzija oħra xierqa dwar is-saħħa tal-annimali abbażi ta' riżultat pożittiv ta' valutazzjoni tar-riskju tal-miżuri kontra t-tifrix tal-virus tal-bluetongue u l-protezzjoni kontra attakki mill-vetturi, li hija rikjesta mill-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini u approvata mill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, qabel ma jiġu mċaqilqa dawn l-annimali.

(3) L-Artikolu 9(a) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 jistipula li, sal-31 ta' Diċembru 2010, b'deroga mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri tad-destinazzjoni jistgħu jirrikjedu li l-moviment ta' ċerti annimali, li huma koperti mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament, ikollu kundizzjonijiet addizzjonali, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li tqis il-kundizzjonijiet entomoloġiċi u epidemjoloġiċi li fihom qed jiddaħħlu l-annimali. Dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali jispeċifikaw li l-annimali għandu jkollhom inqas minn 90 jum, għandhom ikunu nżammu mit-twelid f'post magħluq protett mill-vetturi u għandhom ikunu sarulhom ċerti testijiet imsemmija fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.

(4) Ħmistax-il Stat Membru u n-Norveġja nnotifikaw lill-Kummissjoni li kienu applikaw dik il-miżura tranżizzjonali. Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju li saru, li ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni, juru li l-introduzzjoni tal-bluetongue f'dawk l-Istati Membri u fin-Norveġja minħabba l-movimenti tal-annimali minn żoni ristretti jista' jkollha impatt ħażin ħafna.

(5) Is-sitwazzjoni ġenerali fil-Komunità fir-rigward tal-bluetongue tjiebet ferm mill-2008. Minkejja dan, il-virus għadu preżenti f'partijiet tal-Unjoni.

(6) Biex ikun hemm armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni, l-Istati Membri talbu biex ikun hemm kriterji speċifiċi għal "faċilità sikura kontra l-vetturi" li huwa rekwiżit importanti għal uħud mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 u għandu l-għan li jipproteġi l-annimali minn attakki tal-vetturi. Bħalissa, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) qed taħdem fuq definizzjoni ta' stabbiliment jew faċilità protetta mill-vetturi. Ir-riżultat ta' din il-ħidma għandha tgħin lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-kriterji għall-faċilità sikura kontra l-vetturi kif imsemmi fl-Anness III tar-Regolament.

(7) Sakemm jiġu żviluppati l-kriterji għal faċilità sikura kontra l-vetturi, il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 9(a) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 għandu jiżdied b'sitt xhur oħra.

(8) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1266/2007 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.
[2] ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-fraża introduttorja tal-Artikolu 9a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007, id-data "il-31 ta' Diċembru 2010" għandha tinbidel bid-data "it-30 ta' Ġunju 2011".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO